Nru./No. 19,147
Prezz/Price
€5.94

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 4 ta' Ottubru, 2013
Friday, 4th October, 2013

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,835 - 13,844
Government Notices ..... *13,835 - 13,844*

Avviż tal-Pulizija 13,845
Police Notice *13,845*

Avviż lill-Baħħara 13,845
Notice to Mariners *13,845*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 13,546 - 13,854
Employment Opportunities ..... *13,546 - 13,854*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,855 - 13,860
Notices ..... *13,855 - 13,860*

Offerti ..... 13,860 - 13,912
Tenders ..... *13,860 - 13,912*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,913 - 13,942
Court Notices ..... *13,913 - 13,942*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 925

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 17 imsejjaħ Att tal-2013 li jemenda l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika.

L-4 ta' Ottubru, 2013

Nru. 926

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, K.U.O.M, B.Com., B.A. (Hons.), M.A.(European Studies), Ph.D. (Bristol), M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tnejn, it-30 ta' Settembru, 2013 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 890 tad-19 ta' Settembru, 2013, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-1 ta' Ottubru, 2013
(OPM/81/2013/III)

Nru. 927

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

L-4 ta' Ottubru, 2013
(File No. L151/2013)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista' għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art,

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

GOVERNMENT NOTICES

No. 925

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 17 entitled the Ġieħ ir-Repubblika (Amendment) Act, 2013.

4th October, 2013

No. 926

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com., B.A. (Hons.), M.A. (European Studies), Ph.D. (Bristol), M.P., resumed duties as Prime Minister on Monday, 30th September, 2013 and that the arrangements made by Government Notice No.890 of the 19th September, 2013, ceased to have effect accordingly.

1st October, 2013

No. 927

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

4th October, 2013

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights,

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights,

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Sant Pawl il-Baħar:

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 50 metru twila, 0.72 metri wiesgħa u 0.80 metri fonda u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa ta' kejl ta' madwar 157 metru kwadru, liema għalqa tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Sur Francis Bezzina, mill-Punent ma' proprjetà ta' Sur Mark Borg Hedley u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Premier Properties Ltd.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta bil-kulur aħdar u t-trinka mmarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D.2013_342, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) GEORGE ABELA
President

Il-25 ta' Settembru, 2013

Nru. 928

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

L-4 ta' Ottubru, 2013
(File No. L25/2011)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa ipprovdut illi l-President ta' Malta jista' għal skopijiet pubbliċi jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art;

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art;

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land in Saint Paul's Bay:

1. The aforementioned subsoil right to consists in the digging of a trench 50 metres long, 0.72 metres wide and 0.80 metres deep and the laying of services for an indefinite period of time, in a field measuring about 157 square metres, which field is bounded on the North by property of Mr Francis Bezzina, on the West by property of Mr Mark Hedley and on the East by property of Premier Properties Ltd.

The above mentioned land is shown on the plan shown in green and the trench shown in red on plan P.D.2013_342, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE ABELA
President

25th September, 2013

No. 928

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

4th October, 2013

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights,

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights,

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Skeda

Art fil-Gżira, Ta' Xbiex, Msida:

Tħaffir ta' mina twila 478 metru (M-O).
Tħaffir ta' mina twila 95 metru (N-N1)

Route profiles u *Sections* kif murija fuq il-pjanti tal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali:-

MRRA Plan W/72/2009/15 – 58G/681
MRRA Plan W/72/2009/15 – 58G/681A

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta mmarkata P.D.2011_215C_A, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Din il-Proklama qiegħda tissostitwixxi dik ippubblikata datata l-24 ta' Ġunju, 2011.

(Iff.) George Abela
President

Il-25 ta' Settembru, 2013

Schedule

Land at Gżira, Ta' Xbiex, Msida:

Excavation of tunnel 478 metres long (M-O).
Excavation of tunnel 95metres long (N-N1)

Route profiles and Sections as shown on the plans of the Ministry for Resources and Rural Affairs:-

MRRA Plan W/72/2009/15 – 58G/681
MRRA Plan W/72/2009/15 – 58G/681A

The above mentioned land is shown on the plan marked P.D.2011_215C_A, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

This Proclamantion is substituting the one published in dated 24th June, 2011.

(Sgd) George Abela
President

25th September, 2013

Nru. 929

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

L-4 ta' Ottubru, 2013
(File No. L55/2012)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fin-Naxxar:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 138 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Uffiċċju Konġunt u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D.2013_368 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

It-23 ta' Settembru, 2013

No. 929

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

4th October, 2013

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Naxxar:-

A plot of land measuring about 138 square metres, bounded on the North West and North by property of the Joint Office and on the South by Government property.

The abovementioned land is shown marked in blue on plan P.D.2013_368 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

23rd September, 2013

Nru. 930

KUNSILLI MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI

Ħatra ta' Kunsillier

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (Kap. 431) il-Prim Ministru ħatar lis-Sur Anton Borg bħala membru tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali sal-31 ta' Diċembru, 2013.

L-4 ta' Ottubru, 2013

No. 930

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT

Appointment of Member

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 4 of the Malta Council for Economic and Social Development Act (Cap.431), the Prime Minister has appointed Mr Anton Borg as member on the Malta Council for Economic and Social Development up to 31st December, 2013.

4th October, 2013

Nru. 931

NOMINA TA' PRESIDENT TAT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 (2) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490), ħatar lil Maġistrat Dott. Charmaine Galea, LL.D., bħala President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mis-16 ta' Settembru, 2013.

L-4 ta' Ottubru, 2013
(MJHA/253/2008)

No. 931

APPOINTMENT OF CHAIRPERSON OF THE ADMINISTRATIVE REVIEW TRIBUNAL

IT is notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, in accordance with the provisions of article 8 (2) of the Administrative Justice Act (Cap. 490), has appointed Magistrate Dr Charmaine Galea, LL.D., to act as Chairperson of the Administrative Review Tribunal for a period of three years with effect from 16th September, 2013.

4th October, 2013

Nru. 932

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

Nomina ta' Viċi Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta

IL-MINISTRU għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għoġbu japprova l-ħatra tal-Kurunell Jeffrey Curmi bħala Viċi Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, b'seħħ mill- 4 ta' Ottubru, 2013.

L-4 ta' Ottubru, 2013

No. 932

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

Appointment of Deputy Commander of the Armed Forces of Malta

THE Minister for Home Affairs and National Security has been pleased to approve the appointment of Colonel Jeffrey Curmi as Deputy Commander of the Armed Forces of Malta, with effect from 4th October, 2013.

4th October, 2013

Nru. 933

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 933

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Michael Zammit Munrò	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	01–03.10.2013

L-4 ta' Ottubru, 2013

4th October, 2013

Nru. 934

ĦATRA TA' DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	*POSITION* POŻIZZJONI	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATI *DATES*
Mr Paul Bonello	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	16-18.10.2013 and 23-25.10.2013

L-4 ta' Ottubru, 2013

No. 934

APPOINTMENT OF DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:–

4th October, 2013

Nru. 935

ĦATRA TA' AĠENT KUMMISSJONARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

IS-SEGRETARJU Permanenti Ewlieni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr George Saliba	Kummissjonarju Elettorali Prinċipali Chief *Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	5-11.10.2013

L-4 ta' Ottubru, 2013

No. 935

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE PRINCIPAL Permanent Secretary has approved the following acting appointment:–

4th October, 2013

Nru. 936

ĦATRA TA' AĠENT UFFIĊJAL MEDIKU EWLIENI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATI *DATES*
Dr Neville Calleja	Uffiċjal Mediku Ewlieni *Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	7 - 8.10.2013

L-4 ta' Ottubru, 2013

No. 936

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF MEDICAL OFFICER

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:–

4th October, 2013

Nru. 937

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR GODWIN Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) reġa' daħal għal dmirijietu fit-30 ta' Settembru, 2013, u l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 872 tas-17 ta' Settembru, 2013, huma b'din imħassrin.

L-4 ta' Ottubru, 2013

Nru. 938

VIĊI SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Viċi Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali msemmi hawn taħt b'seħħ mid-29 ta' Settembru, 2013:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
L-Għarb	Emily Amatulli Depasquale

L-4 ta' Ottubru, 2013

Nru. 939

VIĊI SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Viċi Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali msemmi hawn taħt b'seħħ mit-22 ta' Settembru, 2013:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Il-Birgu	Isabelle Testaferrata de Noto

L-4 ta' Ottubru, 2013

Nru. 940

VIĊI SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Viċi Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali msemmi hawn taħt b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2013:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Ħal Kirkop	Antonia Desira Demicoli

L-4 ta' Ottubru, 2013

No. 937

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR GODWIN Warr, Director General (Commerce), resumed duties on the 30th September, 2013, and the arrangements referred to in Government Notice No. 872 of the 17th September, 2013, are hereby cancelled.

4th October, 2013

No. 938

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of the undermentioned Local Council with effect from the 29th September, 2013:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
L-Għarb	Emily Amatulli Depasquale

4th October, 2013

No. 939

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of the undermentioned Local Council with effect from the 22nd September, 2013:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Il-Birgu	Isabelle Testaferrata de Noto

4th October, 2013

No. 940

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of the undermentioned Local Council with effect from the 1st October, 2013:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Ħal Kirkop	Antonia Desira Demicoli

4th October, 2013

Nru. 941

WARRANT MIS-SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), is-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Is-Sur Victor Grech
Is-Sur Stefan Muscat

Awtorità ta' Malta għall-Komunikazzjoni
Dott. Philippa Gingell Littlejohn
Is-Sur Brian Sghendo

B'Awtorità
Owen Bonnici
Segretarju Parlamentari
għall-Ġustizzja

L-1 ta' Ottubru, 2013
(MJDF/144/2013/1)

No. 941

WARRANT BY THE PARLIAMENTARY SECRETARY FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap 79) the Parliamentary Secretary for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Foreign Affairs
Mr Victor Grech
Mr Stefan Muscat

Malta Communications Authority
Dr Philippa Gingell Littlejohn
Mr Brian Sghendo

By Authority
Owen Bonnici
Parliamentary Secretary
for Justice

1st October, 2013

Nru. 942

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U KONSERVAZZJONI TAL-ILMA

Għotja fuq Xiri ta' Sistemi Fotovoltajċi fis-Settur Domestiku - Sejħa 2011/PV/1 - Sejħa 2013/PV

Emenda għall-Iskema

SKONT is-sezzjoni 3 (Emendi għall-Iskema) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 617 u tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 371, ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern bid-dati tal-5 ta' Lulju, 2011 u tat-3 ta' Mejju, 2013 rispettivament, l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi qiegħda tagħmel l-emenda li ġejja għall-Iskema.

'4. L-Awtorità tirriżerva d-dritt li tirrifjuta l-għotja u, jew li tieħu azzjoni legali biex tirkupra l-ammont mogħti bl-interessi u bl-ispejjeż oħra li setgħu saru, fil-każ ta' applikant li jkun eżerċita d-dritt li jikseb jew li kiseb xi skont ta' taxxa, tnaqqis inkluż tnaqqis ta' kreditu ta' *input tax* mill-*output tax* skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), jew xi rifużjoni ta' taxxa jkun kif ikun mfisser, għar-rigward tal-infiq eliġibbli li jsir għax-xiri tal-installazzjoni fotovoltajka.'

L-4 ta' Ottubru, 2013

No. 942

MINISTRY FOR ENERGY AND CONSERVATION OF WATER

A Grant for the Purchase of Photovoltaic Systems in the Domestic Sector - Call 2011/PV/1 - Call 2013/PV

Amendment to the Scheme

IN accordance with section 3 (Amendments to the Scheme) of Government Notice No. 617 and of Government Notice No. 371, published in the Government Gazette dated 5th July, 2011 and 3rd May, 2013 respectively, the Malta Resources Authority is making the following amendment to the Scheme.

'4. The Authority reserves the right to refuse the grant and, or take legal action to recover the amount granted with interests and any other costs incurred, in case of any applicant having exercised the right to obtain or who has obtained any tax rebate, deduction including deductions of input tax credit from the output tax in terms of the Value Added Tax Act (Cap. 406), or other tax refund however so described, with regard to the eligible expenditure made in relation to the purchase of the photovoltaic installation.'

4th October, 2013

Nru. 943

TRANSPORT MALTA

Skema tal-Gvern biex Aktar Vetturi Jaħdmu bl-*Autogas*

Il-Gvern qiegħed iniedi flimkien ma' Transport Malta skema ta' għotja ta' flus bħala inċentiv biex aktar vetturi bil-mutur isirilhom it-tibdil meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jaħdmu wkoll bil-gass. Din hija miżura oħra favur l-ambjent maħsuba biex ikomplu jonqsu l-emmissjonijiet mit-traffiku stradali.

Soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin, l-għotja tammonta għal €200 li tingħata meta jsir it-tibdil meħtieġ biex vettura bil-mutur M1 li tintuża għal skop privat tkun tista' taħdem ukoll bil-gass.

L-iskema tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Gazzetta tal-Gvern u tagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 2013 jew qabel jekk ikun intlaħaq il-massimu ta' 1,000 talba. Iżda, dawk il-vetturi M1 li, wara l- 1 ta' Jannar, 2013, saritilhom modifika biex ikunu jistgħu jaħdmu bil-gass ikunu wkoll eliġibbli għall-għotja. L-iskema tapplika għal mhux aktar minn 1,000 vettura fuq bażi tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-finijiet ta' din l-iskema, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

'applikant' tfisser il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema u li, filwaqt li tkun persuna li hi residenti Malta, ikollha l-vettura rreġistrata f'isimha;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għal għotja taħt din l-iskema;

'*autogas*' tfisser *liquefied petroleum gas* bi speċifikazzjoni skont MSA EN 589 użat għall-propulsjoni ta' vetturi bil-mutur;

'l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi' tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi stabbilita taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423);

'ċertifikat ta' modifika' tfisser iċ-ċertifikat maħruġ mill-persuna kompetenti wara li ssir il-modifika fil-vettura bil-mutur għall-użu tal-LPG fis-sistema ta' propulsjoni tagħha;

'ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura' tfisser iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura maħruġ minn Transort Malta li jiċċertifika li l-vettura bil-mutur hija rreġistrata u f'isem min il-vettura hija rreġistrata;

No. 943

TRANSPORT MALTA

Government scheme to incentivise the conversion of vehicles to Autogas

The Government is launching a grant scheme in conjunction with Transport Malta to incentivise vehicle owners to convert their vehicle to autogas. This is another environment friendly measure aimed at reducing further emissions from road traffic.

Subject to the below conditions, the grant amounts to €200 which will be given upon the conversion to autogas of an M1 motor vehicle used for private purposes.

The scheme comes in effect on the date of its publication in the Government Gazette and closes on the 31st December 2013 or earlier if the maximum of 1,000 claims has been reached. However, M1 vehicles which have been converted to gas after the 1st January, 2013, shall also be eligible for the grant. The scheme is capped at 1,000 eligible claims on a first come first serve basis.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of the scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means the person applying for the grant under this scheme and who, apart from being a person residing in Malta, has the vehicle registered in his name;

'application' means the application made for a grant under this scheme;

"autogas" means liquefied petroleum gas with specifications according to MSA EN 589 used for the propulsion of motor vehicles;

'Malta Resources Authority' means the Malta Resources Authority established under the Malta Resources Authority Act (Cap. 423);

'certificate of retrofitting' means the certificate issued by a competent person after the carrying out of the retrofitting of a motor vehicle for the use of LPG in its propulsion system;

'vehicle registration certificate' means the vehicle registration certificate issued by Transport Malta providing proof of registration of the motor vehicle and in whose name the vehicle is registered.

'għotja' tfisser l-għotja li qiegħda tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-taqsima 4;

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'persuna' tfisser persuna fiżika;

'persuna kompetenti' tfisser il-persuna li jkollha l-approvazzjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi biex twettaq xogħol, superviżjoni u ċertifikazzjoni relatati mal-*autogas* kompriża l-modifika;

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258) jew li jkollha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

'Transport Malta' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta stabbilita taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499);

'sid reġistrat' tfisser il-persuna li f'isimha vettura tkun ġiet reġistrata minn Transport Malta;

'użu privat' tfisser kull użu li ma jkunx għal kiri jew kumpens jew għal akkwist finanzjarju;

'vettura bil-mutur' tfisser vettura M1, jiġifieri vettura b'sedili għal mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq.

2. Għal min tapplika l-iskema

L-iskema għal għotja ta' €200 għall-modifika ta' vettura bil-mutur biex taħdem ukoll bil-gass tapplika għal persuna residenti f'Malta li hija s-sid irreġistrat ta' vettura bil-mutur li:

(a) tkun irreġistrata ma' u jkollha liċenzja maħruġa minn Transport Malta f'isem l-applikant fid-data tal-modifika u tal-applikazzjoni għall-għotja,

(b) ġiet konvertita għall-*autogas* minn persuna kompetenti, u

(ċ) hija vettura M1 (vettura b'sedili għal mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq).

Kull persuna eliġibbli hija intitolata għal għotja waħda biss taħt din l-iskema.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati

(i) Applikazzjoni għal għotja taħt din l-iskema għandha ssir mis-sid irreġistrat wara li ssir il-modifika tal-vettura

'grant' means the grant being given under this scheme to an applicant who satisfies the requirements of section 4;

'Malta' means the islands of Malta;

'person' means a natural person;

'competent person' means the person who is approved by the Malta Resources Authority to carry out work, supervision and certification related to autogas including retrofitting;

'person residing in Malta' means a natural person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258) or who has a residence permit or a letter issued from the expatriate office at the Ministry of Foreign Affairs;

'Transport Malta' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499);

'registered owner' means the person in whose name a motor vehicle is registered by Transport Malta;

'private use' means any use other than for hire or reward or financial gain;

'motor vehicle' means an M1 vehicle, i.e. a passenger vehicle with a seating capacity of up to eight passengers and the driver;

2. Area of applicability

The scheme for a grant of €200 for the conversion of a motor vehicle applies to a person residing in Malta who is the registered owner of a motor which:

(a) is registered with and licensed by Transport Malta in the name of the applicant on date of the converstion and application for the grant,

(b) has been coverted to autogas by a competent person, and

(c) is an M1 vehicle (a passenger vehicle with a seating capacity of up to eight passengers and the driver).

Every eligible person shall be entitled to only one grant under this scheme.

3. Manner of application and supporting documents

(i) An application for a grant under this scheme shall be made by the registered owner following the retrofitting of the motor

bil-mutur bit-tagħmir tal-*autogas* minn persuna kompetenti fil-formola tal-applikazzjoni (VEH62) stabbilita fl-iskeda li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fiha dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skont din l-iskema.

(ii) L-applikazzjoni għandha tiġi ffirmata u ttimbrata mill-persuna kompetenti u għandhom jiġu ppreżentati magħha d-dokumenti u l-ħlas li ġejjin:

(a) kopja taċ-ċertifikat tal-modifika maħruġ mill-persuna kompetenti;

(b) kopja tal-irċevuta fiskali maħruġa mill-persuna kompetenti;

(ċ) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura (il-*logbook*);

(d) kopja ta' dokument ta' identifikazzjoni tal-applikant legalment validu jew permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-*expatriates*;

(e) dritt amministrattiv ta' €10, pagabbli lil Transport Malta, għall-ħruġ ta' ċertifikat tar-reġistrazzjoni ġdida.

(iii) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti kollha relevanti, għandhom jiġu ppreżentati mill-applikant lit-Taqsima tal-Liċenzjar ta' Sewwieqa u Vetturi, Hornworks Ditch, Floriana, Sala Ċ, bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar fil-ġranet tax-xogħol jew mibgħuta bil-posta fl-istess indirizz.

4. Eliġibbiltà

(i) Biex ikun eliġibbli, applikant għandu jkun konformi mat-Taqsima 2.

(ii) Biex tikkwalifika, il-vettura bil-mutur:

(a) hija rreġistrata f'isem l-applikant fid-data li fiha ssir il-modifika u fid-data tal-applikazzjoni għall-għotja;

(b) hija vettura M1 (vettura b'sedili għal mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq);

(ċ) hija rreġistrata għal użu privat biss (mhux għall-kiri jew bi ħlas);

(d) ġiet modifikata biex taħdem bil-gass minn persuna kompetenti b'konformità mad-dispożizzjoni tar-Regolamenti dwar iċ-Ċertifikazzjoni u l-Installazzjoni tal-*Autogas* (L.S. 423.44);

(e) it-tagħmir tal-*autogas* jew is-sistema tal-modifika tal-*autogas* stallati fil-vettura għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-UN ECE 67 jew UN ECE 115 u jkunu ġew

vehicle with autogas equipment by a competent person, in the application form (VEH62) set out in the schedule to this scheme and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications shall be signed and stamped by the competent person and shall be accompanied by the following documents and payment:

(a) a copy of the certificate of retrofitting issued by the competent person;

(b) a copy of the fiscal receipt issued by the competent person;

(c) the vehicle's registration certificate (logbook);

(d) a copy of a legally valid identification document of the applicant or a residence permit or letter issued by the expatriate office;

(e) an administrative fee of €10, payable to Transport Malta, for the issue of a new registration certificate.

(iii) Applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant to the Driver and Vehicle Licensing Unit, Hornworks Ditch, Floriana, Hall C, between 7.30 a.m. and noon during working days or mailed to the same address.

4. Eligibility

(i) To be eligible, an applicant shall conform with Section 2.

(ii) To qualify, the motor vehicle:

(a) is registered in the applicant's name on the date of conversion and date of application for the grant;

(b) is an M1 vehicle (a passenger vehicle with a seating capacity of up to eight passengers and the driver);

(c) is registered for private use only (not for hire or reward);

(d) has been converted to autogas by a competent person in conformity with the the provisions of the Autogas (Installation and Certification) Regulations (S.L.423.44);

(e) the autogas equipment or autogas retrofit system installed thereto complies with the requirements of UN ECE 67 or UN ECE 115 and has been type-approved by

approvati minn awtorità ta' approvazzjoni tat-tip awtorizzata skont id-Direttiva 2007/45/KE kif emendata.

5. Ħlas tal-għotja

Fejn l-applikant jikkwalifika għall-għotja, l-għotja titħallas direttament lill-applikant. L-għotja li tingħata m'għandhiex titqies bħala dħul għall-finijiet tal-*income tax*.

6. Validità tal-applikazzjoni

Applikazzjoni ma titqiesx li tkun ġiet ippreżentata mill-applikant kemm-il darba din ma tkunx ġiet mimlija b'mod sħiħ u ma jkunux ġew preżentati magħha d-dokumenti kollha relevanti. Jekk l-applikazzjoni ma tiġix mimlija korrettement u ma jkollhiex magħha d-dokumenti relattivi, it-talba għall-għotja ma tiġix proċessata sakemm ma tiġix provduta l-informazzjoni li tkun nieqsa. L-Awtorità għandha tikteb lill-applikant dwar l-informazzjoni li tkun meħtieġa.

7. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru, 2013 sakemm din l-iskema ma tiġix modifikata jew mitmuma qabel iż-żmien permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. L-iskema tiġi terminata b'mod awtomatiku meta jkun hemm 1,000 applikant eliġibbli li jkunu bbenefikaw minn din l-iskema. Madankollu, il-Gvern jista' jittermina l-iskema fi kwalunkwe billi jingħata avviż bil-quddiem.

L-iskema tista' tiġġedded kif jitqies li hu meħtieġ mill-Ministru responsabbli għat-trasport permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Emendi għall-iskema

Il-Ministru responsabbli għat-trasport ikollu d-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Talbiet b'qerq

Jekk jinstab li talbiet għall-għotja jkunu saru b'qerq, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tista' jistitwixxi proċeduri kriminali kontra dawk responsabbli. Fil-każ li jkun sar ħlas żbaljat għal talba, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta żżomm id-dritt li tirkupra l-flus imħallsa bi żball.

10. Persuni kompetenti

Lista aġġornata tal-persuni kompetenti tista' tinkiseb mill-websajt tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi:

http://mra.org.mt/wp-content/uploads/2013/07/List-of-Competent-Persons-in-Autogas-Retrofittng.pdf

an authorised type approval authority in accordance with Directive 2007/46/EC as amended.

5. Payment of Grant

Where an applicant qualifies for the grant, the grant shall be paid to that applicant.The grant given shall not be assessed as income for tax purposes.

6. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided. Transport Malta shall write to the applicant advising him of the information required.

7. Duration of scheme

This scheme shall remain in force until the 31st December, 2013 unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. The scheme shall be automatically terminated when 1,000 eligible applicants have benefited from this grant scheme. Notwithstanding, Government may terminate the scheme at any time by giving prior notice.

The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister responsible for transport by a Notice in the Government Gazette.

8. Amendments to the scheme

The Minister responsible for transport shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

9. Fraudulent claims

Where a fraudulent claim arises, Transport Malta may institute criminal proceedings against those responsible. In the event of an incorrect payment of a claim, Transport Malta reserves the right to recover funds paid in error.

10. Competent persons

An updated list of competent persons may be obtained from the website of the Malta Resources Authority:

http://mra.org.mt/wp-content/uploads/2013/07/List-of-Competent-Persons-in-Autogas-Retrofittng.pdf

Skema tal-Gvern biex aktar vetturi jaħdmu bl-*autogas*

VEH 62 **FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI BIEX VETTURA TIĠI MODIFIKATA ĦALLI TAĦDEM BIL-GASS**	**Transport Malta** **Direttorat għat-Trasport fuq l-Art** Telefon: (00356) 2556 0000 Websajt: www.transport.gov.mt Transport Malta

Għal użu uffiċjali biss ta' Transport Malta						
In-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura:	In-numru tas-sistema:	In-numru tal-applikazzjoni:	Data li fiha waslet:	Jum	Xahar	Sena
Eliġibbiltà tal-applikazzjoni						
Eliġibbli ☐		Mhux eliġibbli ☐				
Uffiċjal (isem sħiħ b'ittri kbar):		Timbru:		Firma:		
Remarki:						

Jekk jogħġbok immarka l-kaxxi t'hawn taħt biex tapplika jew għal Skema A jew għal Skema B jew għaż-żewġ skemi skont ma jkun applikabbli:

SKEMA A ☐

Sidien ta' vetturi li mmodifikaw il-vettura M1 (vettura b'sedili għal mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq) sabiex taħdem b'*LPG/Autogas* wara l-1 ta' Jannar, jibbenefikaw minn għotja ta' darba ta' €200. L-iskema hija applikabbli għall-ewwel 1,000 sid ta' vetturi u tagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 2013.

SKEMA B ☐

Vetturi fil-kategorija M1 (vetturi b'sedili għal mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq) li ġew modifikati biex jaħdmu jew li jaħdmu b'LPG/Autogas ikollhom il-livelli tal-emissjonijiet CO_2 mnaqqsa b'10%.

i. **Vetturi M1 (vetturi b'sedili għal mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq) li nħarġitilhom liċenzja wara l-1 ta' Jannar, 2009 u ġew modifikati biex jaħdmu b'*LPG/Autogas* wara l-1 ta' Jannar 2013 jibbenefikaw minn tnaqqis ta' 10% fuq l-ammont ta' CO_2 li jirrifletti tnaqqis fil-ħlas annwali tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni.**

ii. Vetturi M1 **(vetturi b'sedili għal mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq)** li ġew reġistrati wara l-1 ta' Jannar 2013 **u ġew modifikati biex jaħdmu b'*LPG/Autogas* wara l-1 ta' Jannar 2013. Dawn il-vetturi** jibbenefikaw minn tnaqqis ta' 10% fuq l-ammont ta' CO_2 li jirrifletti tnaqqis fit-taxxa tar-reġistrazzjoni meta l-vettura tiġi reġistrata.

Jekk jogħġbok aqra l-informazzjoni qabel timla l-formola.

Din il-formola ta' applikazzjoni għandha timtela kollha kemm hi mill-applikant u tiġi ffirmata kif xieraq kemm mill-applikant kif ukoll mill-persuna kompetenti (il-persuna li tinstalla t-tagħmir tal-*autogas)*.

Il-formola ta' applikazzjoni, bit-Taqsimiet A sa E mimlija kollha kemm hi, għandha tiġi ppreżentata mill-applikant fit-Taqsima Liċenzjar tal-Vetturi, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Hornworks Ditch, Floriana, Sala Ċ, bejn is-7.30am u nofsinhar fil-ġranet tax-xogħol, jew tintbagħat bil-posta fl-istess indirizz, wara li jkun ġie stallat it-tagħmir tal-*autogas* fil-vettura. Mal-applikazzjoni għandhom jiġu preżentati/mibgħutha wkoll id-dokumenti u ħlas li ġejjin:

(a) kopja taċ-ċertifikat tal-modifika maħruġ mill-persuna kompetenti;

(b) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura (il-*logbook*);

(ċ) kopja ta' dokument ta' identifikazzjoni tal-applikant legalment validu jew permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni;

(d) dritt amministrattiv ta' €10, pagabbli lil Transport Malta, għall-ħruġ ta' ċertifikat tar-reġistrazzjoni ġdid.

L-iskema tintemm b'mod awtomatiku meta 1,000 applikant eliġibbli jkunu bbenefikaw minn din l-iskema ta' għotja.

Applikant ikun eliġibbli biss għall-għotja jekk:

- hu jkun joqgħod Malta;
- huwa jkun is-sid reġistrat tal-vettura bil-mutur li –

(a) hija reġistrata u jkollha liċenzja maħruġa minn f'isem l-applikant fid-data ta' meta ssir il-modifika u fid-data tal-applikazzjoni għall-għotja,
(ċ) hija ġiet modifikata biex taħdem bil-gass,
(d) hija vettura M1 (vettura b'sedili għal mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq);

Kull persuna eliġibbli hija ntitolata għal għotja waħda biss taħt din l-iskema.

Il-fatt li tkun għamilt l-applikazzjoni MA JFISSIRX li int tkun intitolat b'mod awtomatiku biex tirċievi l-għotja

Protezzjoni tad-Dejta:
L-informazzjoni mogħtija f'din il-formola ta' applikazzjoni tintuż biex tiġi proċessata l-applikazzjoni u tintwera biss lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Transport Malta), fejn tkun meħtieġa l-konferma ta' ċerti dettalji, jew lill-Pulizija fejn jirriżulta li l-applikazzjoni jkun fiha informazzjoni falza jew qarrieqa.

<u>It-taqsimiet A sa Ċ għandhom jimtlew mill-applikant</u>

TAQSIMA A – Dettalji tal-applikant

Isem:	Sur/Sinjorina/Oħrajn
Kunjom:	
Nru tal-Karta tal-Identità:	
Indirizz, kompriż il-kodiċi postali:	
Nru tal-mobajl:	
Nru tat-telefown:	

TAQSIMA B – Dettalji tal-vettura

Għamla:	
Mudell:	
Nru tar-reġistrazzjoni:	
Sena tal-ewwel reġistrazzjoni:	

TAQSIMA Ċ – Dikjarazzjoni mill-applikant

Fejn jirriżulta li talba saret b'qerq, Transport Malta tista' tipproċedi kriminalment kontra dawk responsabbli. F'każ li jsir ħlas mhux korrett bħala għotja, Transport Malta tirriserva d-dritt li tiġbor lura l-flus imħallsa bi żball.

Jien hawn niddikjara li l-vettura, li d-dettalji tagħha jidhru taħt it-Taqsima B hawn qabel, -

(a) hija reġistrata għal użu privat biss (mhux għall-kiri jew bi ħlas), u
(b) ġiet modifikata biex taħdem bil-gass minn persuna kompetenti li d-dettalji dwarha u l-firma tagħha jidhru hawn taħt.

Jien hawn niddikjara wkoll li l-istqarrijiet magħmula u l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni huma tajbin u veri. Nifhem li l-għoti ta' informazzjoni falza jew li tiżgwida b'konnessjoni ma' din l-applikazzjoni jikkostitwixxi reat gravi.

Isem sħiħ *(ittri kbar)*:				
Firma:				
Data:	JUM	XAHAR	SENA	

Taqsima D sa F għandhom jimtlew mill-persuna kompetenti

TAQSIMA D – Dettalji tal-persuna kompetenti

Isem:	Sur/Sinjorina/Oħrajn
Kunjom:	
Nru tal-Karta tal-Identità:	
Indirizz:	
Nru tal-mobajl/telefown:	
Nru tar-Reġistrazzjoni tal-persuna kompetenti:	
Nru tal-VAT:	

TAQSIMA E – Dettalji dwar l-istallazzjoni tat-tagħmir

Nru tar-reġistrazzjoni tal-vettura:	
Data ta' meta saret il-modifika iex il-vettura taħdem bil-gass:	
In-Nru tas-serje tat-tank tal-LPG:	
In-Nru taċ-ċertifikat tal-istallazzjoni tat-tagħmir:	

TAQSIMA F – Dikjarazzjoni mill-persuna kompetenti

Fejn jirriżulta li talba saret b'qerq, Transport Malta tista' tipproċedi kriminalment kontra dawk responsabbli.

Jien niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni hija kompleta, vera u tajba. Jien nikkonferma li t-tagħmir tal-*autogas* jew jew is-sistema tal-modifika tal-*autogas* stallat/stallata minni fil-vettura huwa/hija konformi mar-rekwiżiti tal-UN ECE 67 jew UN ECE 115 u ġie/ġiet approvat/a minn awtorità ta' approvazzjoni tat-tip awtorizzata skont id-Direttiva 2007/45/KE kif emendata.

Jien nikkonferma li għamilt spezzjonijiet, wara l-istallar, biex niżgura li, fil-limiti tal-metodu ta' kejl, li l-emmissjonijiet fuq il-fjuwil oriġinali ma ddeterjorawx u li l-emmissjonijiet fuq l-LPG huma inqas minn dawk fuq il-fjuwil oriġinali.

Jien nifhem li l-għoti ta' informazzjoni falza jew li tiżgwida b'konnessjoni ma' din l-applikazzjoni jikkostitwixxi reat gravi u l-Gvern jista' jispezzjona kull reġistrazzjoni. Jien nintrabat li nżomm kull reġistrazzjoni marbuta ma' din il-modifika sabiex il-Gvern ikun jista' jivverifika l-applikazzjonijiet taħt l-iskema ta' għotja għall-modifika ta' vettura biex tuża l-*autogas*.

Isem sħiħ *(ittri kbar)*:				
Firma:				Timbru tal-persuna kompetenti:
Data:	Jum	XAHAR	SENA	

SKEMA B

Vettura M1 (vettura b'sedili għal mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq) li tkun ġiet modifikata biex taħdem, jew li taħdem b'*LPG/Autogas* ikollha l-livelli tal-emmissjonijiet tagħha mnaqqsa 10%. Din tapplika fir-rigward ta' dawk il-vetturi li nħarġitilhom liċenzja wara l-1 ta' Jannar 2009, u ġew modifikati biex jaħdmu b'*LPG/Autogas* wara l-1 ta' Jannar, 2013. Dawn il-vetturi jibbenefikaw minn tnaqqis ta' 10% fuq l-ammont ta' CO_2 li jista' jirrifletti tnaqqis fil-ħlas tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni annwali.

Meta vettura bħal dik tiġi modifikata biex taħdem b'*LPG/Autogas* l-emmissjonijiet CO_2 tal-vettura jkunu :-

(a) dawk mogħtija mill-manifattur tal-vettura jew minn servizz tekniku akkreditat approvat fir-rigward ta' vetturi li jaħdmu biss b'*LPG/Autogas* jew vetturi li jaħdmu kemm b'*LPG/Autogas*, *petrol* jew *diesel*, jew

(b) meta l-manifattur tal-vettura jew servizz tekniku akkreditat approvat ma jagħtix l-emissjonijiet skont il-paragrafu (a) jew meta jsir tibdil fil-vettura biex hi tiġi mħaddma bl-*autogas* u ma jingħataw l-ebda emissjonijiet, l-emissjonijiet CO_2 tal-imsemmija vettura jitnaqqsu awtomatikament b'10%

Jekk jogħġbok immarka l-kaxxi ta' hawn taħt skont ma hu applikabbli, i jew ii jew it-tnejn li huma

i.	Jien għandi vettura li ġiet reġistrata u nħarġitilha liċenzja wara l-1 ta' Jannar, 2009, u jien immodifikajt l-vettura biex taħdem b'*LPG/Autogas* wara l-1 ta' Jannar, 2013. Jien nixtieq li nibbenefika minn tnaqqas ta' 10% fl-ammont ta' CO_2 li jirrifletti tnaqqis fil-ħlas tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni annwali.	☐
ii.	Jiena rreġistrajt vettura wara l-1 ta' Jannar, 2013, u nixtieq nibbenefika minn tnaqqas ta' 10% fl-ammont ta' CO_2 li jirriżulta fi tnaqqis tal-ammont ta' taxxa tar-reġistrazzjoni mħallsa jew li titħallas meta tiġi reġistrata l-vettura.	☐

Dokumenti li għandhom jiġu preżentati

Jekk jogħġbok żgura li d-dokumenti li ġejjin jiġu preżentati flimkien ma' din il-formola ta' applikazzjoni:

Kopja ta' dokument ta' identifikazzjoni tal-applikant legalment validu jew permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin	☐
Kopja taċ-ċertifikat tal-modifika maħruġ mill-persuna kompetenti	☐
Iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura (il-*logbook*)	☐
Dritt amministrattiv ta' €10, pagabbli lil Transport Malta, għall-ħruġ ta' ċertifikat tar-reġistrazzjoni ġdid	☐

Government Scheme to Incentivise the Conversion of Vehicles to Autogas

VEH 62 **APPLICATION FORM TO CONVERT A VEHICLE TO RUN ON AUTOGAS**	**Transport Malta** **Land Transport Directorate** Telephone: (00356) 2556 0000 Website: www.transport.gov.mt Transport Malta

For official use only by Transport Malta						
Vehicle registration number:	System number:	Application No:	Date received:	DD	MM	YYYY
Application eligibility						
Eligible ☐	Not eligible ☐					
Officer (full name capital letters):	Stamp:	Signature:				
Remarks:						

Please tick in boxes below to apply for either Scheme A, Scheme B or both as applicable:

SCHEME A ☐

Vehicle owners who have converted their M1 vehicle (passenger vehicle with a seating capacity of up to eight passenger besides the driver) to run on LPG/Autogas after the 1st January 2013, will benefit from a one-time payment grant of €200. The scheme is applicable to the first 1,000 vehicle owners and will close on the 31st December 2013.

SCHEME B ☐

Category M1 (passenger vehicle with a seating capacity of up to eight passenger besides the driver) that are either converted, or run with LPG/Autogas will have their CO_2 emission levels reduced by 10% and benefit from a reduction of 10% on the amount of CO_2.

i. **Category M1 vehicles (passenger vehicle with a seating capacity of up to eight passenger besides the driver) that were licensed after 1st January 2009, and converted to run with LPG/Autogas after 1st January 2013. These vehicles will benefit from a reduction of 10% on the amount of CO_2 which will reflect in a reduction on the amount of the annual circulation fee.**

ii. Category M1 vehicles (passenger vehicle with a seating capacity of up to eight passenger besides the driver) which are registered after 1st January 2013 and converted to run with LPG/Autogas after 1st January 2013. These vehicles will benefit from a reduction of 10% on the amount of CO_2 resulting in a reduction on the amount of registration tax upon registration.

Please read carefully before completing the application form.

This application form has to be completed in full by the applicant and signed as appropriate by both the applicant and the competent person (the person carrying out the retrofitting of the autogas equiment).

3.3 The appointee shall be responsible for ensuring a clinical consultancy and liaison service to other clinical colleagues as well as to hospitals, agencies, governmental and non-governmental organisations on matters pertaining to Ophthalmology.

3.4 The appointee shall be responsible to ensure the highest possible level of patient care within his/her Department, with special attention to appropriateness, timeliness, and continuity of care.

3.5 With particular regard to patients at the Department of Ophthalmology at Mater Dei Hospital, the appointee shall be responsible for ensuring prompt access on a 24-hour basis to any necessary ophthalmological investigations as may be indicated, through appropriate operational policies and protocols and to this effect, shall establish and maintain good working relationships with hospital managers, ward and bed managers as well as with clinical colleagues at the Department of Ophthalmology and in the various specialties.

3.6 Il-persuna maħtura tkun responsabbli b'mod aħħari għall-immaniġġar kliniku tal-pazjenti mit-tim kliniku fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija u għall-*performance* in ġenerali tad-Dipartiment. Għal dan il-għan il-persuna maħtura tkun responsabbli *inter alia* għat-tmexxija bla xkiel tas-servizzi pprovduti mill-impjegati li jaqgħu taħtha, li tiċċekkja l-*performance* u l-attendenzi, tqassim tar-riżorsi fid-dipartiment li jaqa' taħtha fl-aħjar interess tas-servizz u b'mod ġenerali tkun responsabbli għad-Dipartiment li hija inkarigata minnu. Il-persuna maħtura tkun ukoll rikjesta li tosserva t-tfassil fil-ħin ta' *job plans* li jirriflettu prijoritajiet stabbiliti mill-Ministeru għas-Saħħa u tirrevedi dawn il-*job plans* b'mod regolari kif mitlub mill-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei.

3.6 The appointee shall be ultimately responsible for the clinical management of patients by the clinical team within the Department of Ophthalmology and for the overall performance of the Department. To this effect, the appointee shall be responsible inter alia to ensure smooth running of services under his/her charge, to monitor performance and attendances, distribute resources within his/her Department in the best interest of the service and generally to administer and be accountable for the department under his/her charge. The appointee shall also be required to oversee the timely drawing up of job plans reflecting priorities set out by the Ministry for Health and conduct regular job plan reviews as required by the CEO of Mater Dei Hospital.

3.7 Il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura *duty rosters* adatti għat-tobba kollha li jaħdmu fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija.

3.7 The appointee shall be responsible for ensuring appropriate duty rosters for all medical staff in the Department of Ophthalmology.

3.8 Il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura li jkun hemm *referra/ follow up plans* ċari għal kull pazjent li jkun qed jirċievi l-kura klinika fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija.

3.8 The appointee shall be responsible for ensuring clear referral/follow-up plans for each patient receiving clinical care within the Department of Ophthalmology.

3.9 Il-persuna maħtura tkun mistennija tiżgura li jkun hemm linji ta' komunikazzjoni ċari bejn id-Dipartiment tal-Oftalmoloġija, il-*management* tal-isptar, kollegi kliniċi u *supporting staff* fl-ispeċjalitajiet varji u l-*general practitioners* u/jew speċjalisti li jipprovdu kura fil-komunità sabiex jassiguraw kura bla xkiel lill-pazjenti.

3.9 The appointee shall be expected to ensure the maintenance of clear communication channels between the Department of Ophthalmology, hospital management, clinical colleagues and supporting staff in the various specialties, and general practitioners and/or specialists providing care in the community so as to ensure seamless care to patients.

3.10 Il-persuna maħtura tkun responsabbli biex tiżgura li jkun hemm dokumentazzjoni ċara dwar ir-riżultati tal-proċeduri tal-oftalmologija li jkunu saru għal kull pazjent li jirċievi l-kura mid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija.

3.10 The appointee shall be responsible for ensuring clear documentation on the outcomes of the ophthalmological procedures undertaken for each patient receiving care within the Department of Ophthalmology.

3.11 Il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura l-użu b'mod effiċjenti tar-riżorsi umani u materjali.

3.11 The appointee shall be accountable for ensuring efficient utilisation of human and material resources.

3.12 Il-persuna maħtura tkun mistennija tfassal *clinical* u *operational policies* u *protocols* adattati li għandhom x'jaqsmu mad-Dipartiment tal-Oftalmoloġija, taġġornahom skont in-necessità għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet tal-Isptar u tas-Servizzi għall-Kura tas-Saħħa kif jinħtieġ, u tassigura li *policies* u *protocols* approvati jiġu osservati. B'mod partikolari, il-persuna maħtura tkun responsabbli li tiżgura li dawn il-*policies* u *protocols* jirriżultaw fi tnaqqis taż-żmien ta' stennija għall-pazjent, duplikazzjoni ta' xogħol u investigazzjonijiet bla bżonn, u sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-kwalità tad-dijanjożi, l-immaniġġar u t-*throughput* ta' pazjenti.

3.12 The appointee shall be expected to draw up appropriate clinical and operational policies and protocols in connection with the Department of Ophthalmology, updating these as necessary for approval by the hospital and Health Care Service authorities, as required, and ensuring that approved policies and protocols are complied with. In particular the appointee shall be responsible for ensuring that such policies and protocols result in reducing waiting times for patients, unnecessary duplication of work, unnecessary investigations, and in increasing the efficiency and quality of diagnosis, management and throughput of patients.

3.13 Il-persuna maħtura tkun mistennija twaqqaf mekkaniżmi xierqa għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizzi u *medical audit*.

3.13 The appointee shall be expected to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

3.14 Il-persuna maħtura trid tikkunsidra l-approvazzjoni tal-i*study leave*, basta li jsir kull sforz sabiex it-tobba jitħallew jattendu laqgħat barra minn Malta.

3.15 Il-persuna maħtura tkun mistennija tieħu ħsieb ta' lmenti dwar id-Dipartiment tagħha skont il-proċeduri applikabbli għall-Ministeru għas-Saħħa in ġenerali, u l-Isptar Mater Dei in partikolari.

3.16 Il-persuna maħtura tkun membru *ex officio* tat-*Training Committee/s* għall-ispeċjalitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabilità tagħha. Hija għandha taħdem mill-qrib mal-*Postgraduate Training Coordinator/s* maħtura sabiex tiżgura l-implimentazzjoni ta' kontinwazzjoni ta' programmi ta' taħriġ u ta' edukazzjoni għall-ħaddiema tad-Dipartiment tagħha, inkluż l-organizzazzjoni ta' *clinical meetings*, u ta' programmi ta' tagħlim għall-istudenti mediċi *undergraduate* u *postgraduate*, kif ukoll għall-istaff tal-*Allied Health Care*, dan tal-aħħar flimkien mal-persuna/i assenjati bħala *Postgraduate Training Co-ordinator/s*.

3.17 Meta l-persuna maħtura tkun l-*Admitting Consultant* (*on call*), tista' tkun meħtieġa li tieħu ħsieb il-ħtiġiet tal-pazjenti skont l-esiġenzi tas-servizz.

3.18 Il-persuna maħtura tkun mistennija tħejji *Business Plans* għad-Dipartiment tal-Oftamoloġija tagħha u tiżgura l-implimentazzjoni tagħhom skont il-parametri baġitarji miftiehma.

3.19 Il-persuna maħtura tkun mistennija toqgħod fuq Bordijiet u Kumitati kif ikun indikat jew mitlub mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż bordijiet u kumitati ta' natura klinika, ta' għażla, ta' investigazzjoni jew konsultattiva.

3.20 Il-persuna maħtura tkun responsabbli biex tipprepara rapport annwali dwar il-ħidma tad-dipartiment kliniku tagħha.

3.21 Il-persuna maħtura tkun mistennija li tagħmel monitoraġġ, tirrevedi u ttejjeb l-*infection control management* fil-qasam tagħha.

3.22 Il-persuna maħtura għandha tiżgura li l-Konsulenti kollha qed iwettqu b'mod adekwat ix-xogħol li huma mistennija li jagħmlu skont il-*job plans* tagħhom**.**

3.23 Il-persuna maħtura tkun responsabbli mid-dixxiplina u l-prattika fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija u tkun responsabbli mill-infurzar tad-dixxiplina tal-impjegati li jaqgħu taħtha.

3.24 Il-persuna maħtura tkun l-ixprun tat-titjib tal-effiċjenza u l-effettività fid-dipartiment tagħha f'termini ta' *performance* klinika u operattiva.

3.14. The appointee shall consider approval of study leave, provided that every effort shall be made to allow doctors to attend meetings overseas.

3.15 The appointee shall be expected to deal with complaints pertaining to his/her Department in accordance with procedures applicable to the Ministry for Health in general and to Mater Dei Hospital in particular.

3.16 The appointee shall ex officio be a member of the Training Committee/s for the specialties falling under his/her responsibility. He/she will work closely with the appointed Postgraduate Training Coordinator/s to ensure the implementation of a continuing training and education programme in respect of the staff of his/her Department, including the organisation of clinical meetings and teaching programmes for medical undergraduates and postgraduates as well as allied health care staff in the department, the latter in conjunction with the designated Postgraduate Training Co-ordinator/s.

3.17 When the appointee is the Admitting Consultant (on call), he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service.

3.18 The appointee shall be expected to draw up Business Plans for the Department of Ophthalmology and to ensure their implementation in line with agreed budget parameters.

3.19 The appointee shall be expected to sit on such boards and committees as may be indicated or requested by the competent authorities, including boards and committees of a clinical, selective, investigative or advisory nature.

3.20 The appointee shall be responsible for the preparation of an annual report on the workings of his/her clinical department.

3.21 The appointee shall be expected to monitor, review and improve infection control management in his/her area.

3.22 The appointee shall ensure that all Consultants are adequately executing the work they are expected to do based on their job plans.

3.23 The appointee shall be responsible for discipline and practice in the Department of Ophthalmology and shall also be accountable for the enforcement of discipline of the staff under his/her charge.

3.24 The appointee shall be the driver for efficiency and effectiveness improvement of his/her department in terms of clinical and operational performance.

3.25 Il-persuna maħtura tkun mistennija li tattendi taħriġ maniġerjali obbligatorju minn żmien għal żmien skont il-gwida tal-Isptar.

3.26 Il-persuna maħtura tintalab taqdi dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

3.27 Il-persuna maħtura tintalab tagħmel użu mis-sistemi tat-Tekonoġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u

3.25 The appointee shall be expected to undergo mandatory managerial training from time to time as guided by the hospital.

3.26 The appointee will be required to carry out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.27 The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training

t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża.

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ukoll:

(i) ikollhom isimhom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Oftalmoloġija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(ii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Oftalmoloġija miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(iii) (a) ikollhom *Certificate of Completion of Training (CCT)* maħruġ mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li jindika li l-applikant temm it-taħriġ speċjalizzat li jista' jkun preskritt għall-Oftalmoloġija; jew

(b) ikollhom kwalifika ta' speċjalista ekwivalenti għas-CCT fl-Oftalmoloġija, li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1(b) tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

(c) ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalista fuq kundizzjoni li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza miksuba huma suffiċjenti sabiex tabib ikun reġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalista tal-Oftalmoloġija.

4.3 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ukoll ikollhom ħames (5) snjn esperjenza *full time* bħala Speċjalisti tal-Oftalmoloġija. Qed jiġi ċċarat li l-esperjenza bħala Speċjalist titqies li ma tibdiex qabel id-data tar-Reġistrazzjoni fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew Reġistrazzjoni ekwivalenti li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Qed jiġi ċċarat ukoll li meta l-esperjenza tkun miksuba fuq bażi *Part-time* jew fuq inqas minn 40 siegħa fil-ġimgħa, din tkun rikonoxxuta fuq bażi pro-rata.

4.4 L-applikanti magħżula li jkunu eliġibbli taħt paragrafu 4.2 (ii) u paragrafu 4.2 (iii) hawn fuq iridu jkunu mniżżlin fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

4.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii)(b) u paragrafu 4.2 (iii)(c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti

Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages.

4.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

(i) listed in the Specialist Register of Ophthalmology kept by the Medical Council of Malta; or

(ii) approved for inclusion in the Specialist Register of Ophthalmology kept by the Medical Council of Malta; or

(iii) (a) in possession of a certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for Ophthalmology; or

(b) in possession of a specialist qualification equivalent to the CCT for Ophthalmology, which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part Ib of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

(c) in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Ophthalmology.

4.3 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore have five (5) years full time experience as a specialist in Ophthalmology. It is hereby being clarified that specialist experience will be deemed not to commence prior to the date of registration in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta, or equivalent registration issued by the competent authority in another EU Member State. It is furthermore being clarified that experience carried out on a part-time basis, or in any case on a basis of less than 40 hours per week, is reckoned on a pro-rata basis.

4.4 Successful candidates eligible under paragraph 4.2 (ii) and paragraph 4.2 (iii) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta before appointment.

4.5 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii)(b) and paragraph 4.2 (iii)(c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of

ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki miksuba jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għas-*Certificate of Completion of Training (CCT)* maħruġ mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikultà, il-parir tal-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għandu jkun mitlub.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, il-*website* tal-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta tista' tiġi kkonsultata fuq:

https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx

4.6 Kandidati li japplikaw skont it termini ta' paragrafu 4.2 (iii)(b) u paragrafu 4.2 (iii)(c), u li jkunu jridu jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti kif mitlub fil-paragrafu 4.5 għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li ma jkunux fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissotomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni ħekk kif din tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u f'ebda ċirkustanza mhux aktar tard minn xahar tad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għall-estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu, għandhom jiġu sottomessi għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4.7 Kandidati li ma jkunux għadhom ġabu ċ-ċertifikazzjoni msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti taċ-ċertifikazzjoni msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.8 Applikanti jridu jkunu wkoll ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.9 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiziti stipulati f'paragrafu 4.1 sa 4.8 , għandhom esperjenza relevanti ppruvata.

4.10 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at:

https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx

4.6 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii)(b) or paragraph 4.2 (iii)(c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 4.5 should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and, in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

4.7 Candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned certification will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the certification in question by the closing time and date of the call for applications.

4.8 Applicants must furthermore be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.9 Due consideration will be given to applicants who, in addition to satisfying the requirements in paragraph 4.1 to 4.8, have proven relevant work experience.

4.10 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/ jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tinthemeż mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista għall-verifikazzjoni.

Proċeduri tal-għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza flimkien mal-ismijiet ta' żewġ *referees*, jintlaqgħu mid-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani), Ministeru għas-Saħħa f'6, Sqaq Harper, Il-Furjana, FRN 1940, sa mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Ottubru, 2013. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz: (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mid-Direttorat tal-Prattiki tar-Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, FRN 1940. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat riċeventi huwa +356-21235890 filwaqt li l-indirizz elettroniku huwa: (recruitment.mfh@gov.mt).

L-4 ta' Ottubru, 2013

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience and the names and contact details of two referees, will be received by the Director (Human Resources Practices), Ministry for Health at 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940 , by not later than noon (Central European Time) of Friday, 25th October, 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resorces Office at the address: (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) or may be obtained from the Human Resources Practices Directorate, Ministry for Health, 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate is +356-21235890 and the e-mail: (address is recruitment.mfh@gov.mt).

4th October, 2013

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Post ta' Spiżjar fuq Bażi *Full-Time*/Spiżjar fuq Bażi *Part-Time* fil-Ministeru għas-Saħħa u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata t-2 ta' Awwissu, 2013)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani) għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għas-Saħħa, flimkien mad-Direttur (Immaniġġar tar-Riżorsi Umani) għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, jilqgħu applikazzjonijiet mingħand Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għall-post ta' Spiżjar fuq Bażi *Full-Time*/Spiżjar fuq Bażi *Part-Time* fil-Ministeru għas-Saħħa u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali. Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma sekondati/mislufin/*detailed*/*deployed*/*attached* ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku jistgħu japplikaw ukoll.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Spiżjar fuq Bażi *Full-Time*/Spiżjar fuq Bażi *Part-Time* huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 9 (preżentament €17,753.02 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €20,437.00.

2.2 Persuna fil-grad ta' Spiżjar fuq Bażi *Full-Time*/ Spiżjar fuq Bażi *Part-Time* titla' fi Skala 8 (preżentament €18,939.02 fis-sena, li jiżdied b'€486.83 fis-sena sa massimu ta' €21,860.00) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Persuna fil-grad ta' Spiżjar fuq Bażi *Full-Time*/Spiżjar fuq Bażi *Part-Time* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Pharmacist* fi Skala 7 (preżentament €20,234.98 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €23,422.00) wara sitt (6) snin servizz fil-grad ta' Spiżjar, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Spiżjar fuq Bażi *Full-Time*/Spiżjar fuq Bażi *Part-Time* jinkludu:

(a) li tkun meħtieġa li tipprovdi servizz professjonali effiċjenti f'dak kollu li jirrigwarda l-kura farmaċewtika;

MINISTRY FOR HEALTH AND THE MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

Post of Pharmacist on a Full-Time Basis/Pharmacist on a Part-Time Basis in the Ministry for Health and the Ministry for the Family and Social Solidarity

(Capacity building approval dated 2nd August, 2013)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director (Human Resources Practices) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Health and the Director (Human Resources Management) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Family and Social Solidarity, invites applications from Public Officers in the Malta Public Service for the post of Pharmacist on a Full-Time Basis/Pharmacist on a Part-Time Basis in the Ministry for Health and in the Ministry for the Family and Social Solidarity. Officers in the Malta Public Service who are on secondment/on loan/detailed with/deployed with/on attachment to Public Sector Organizations may also apply.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Pharmacist on a Full-Time Basis/Pharmacist on a Part-Time Basis is equivalent to Salary Scale 9 (currently €17,753.02 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €20,437.00).

2.2 A Pharmacist on Full-Time/Pharmacist on Part-Time Basis will progress to Scale 8, (currently €18,939.02 per annum, rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €21,860.00) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 A Pharmacist on Full-Time/Pharmacist on Part-Time Basis will be promoted to the grade of Senior Pharmacist in Scale 7 (currently €20,234.98 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €23,422.00) on completion of six (6) years satisfactory service in the grade of Pharmacist.

Duties

3.1 The duties of a Pharmacist on Full-Time/Pharmacist on Part-Time Basis include:

(a) the provisions of an efficient professional service for the delivery of pharmaceutical care;

(b) responsabbiltà għax-xiri, ġbir, ħażna u tqassim ta' sustanzi narkotiċi u psikotropiċi hekk kif indikat fid-*Dangerous Drugs Ordinance* u l-*Medical and Kindred Profession Ordinance*, Kap. 31 – *Drugs (Control) Regulations 1985* rispettivament;

(ċ) evalwazzjoni ta' prodotti mediċinali ġodda u indikazzjonijiet ġodda biex jiġu kkunsidrati għal inklużjoni fil-Lista Formulatorja tal-Gvern, fil-parametri ta' AL 58/09; tifformola rapporti u preżentazzjonijiet lill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Lista Formulatorja tal-Gvern;

(d) tkun parti mill-kumitat ta' evalwazzjoni għall-prodotti mediċinali u tagħmir mediku u tkun parti wkoll minn Bordijiet u Kumitati oħra kif ikun meħtieġ minn uffiċjali superjuri jew mill-Ministeru għas-Saħħa;

(e) (i) tiffamiljarizza ruħha mal-proċeduri kollha ta' *procurement* u tassisti fil-proċeduri msemmija matul l-istadji kollha;

(ii) tassisti fil-monitoraġġ tal-konsum annwali ta' mediċinali u apparat mediku;

(iii) tagħti kontribut lejn titjib kontinwu tas-servizz inkluż il-kompjuterizzazzjoni ta' dawn is-servizzi;

(iv) tipparteċipa b'mod attiv u tassisti sabiex tassigura l-aqwa kontroll tas-sistemi u proċeduri tal-immaniġġar tal-i*stock*;

(f) tipparteċipa fl-iżvilupp professjonali (inkluż taħriġ fuq il-post tax-xogħol u edukazzjoni) ta' impjegati taħt ir-responsabbiltà tagħha u tiżgura ż-żamma ta' dixxiplina tal-impjegati;

(g) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

(h) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mid-Direttorat għall-Prattiki tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għas-Saħħa, f'6, Sqaq Harper, Il-Furjana, FRN 1940, li tista' tiġi kkuntattjata wkoll fuq (recruitmenthealth.mfh@gov.mt), jew mid-Direttorat għall-Immaniġġar tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali f'Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, VLT 2000, li jistgħu jiġu kkuntattjati wkoll permezz tal-*email* fuq (hr.mfss@gov.mt).

3.2 Kandidati magħżula jistgħu jintalbu li jwettqu dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, inkluż servizzi pprovduti għall-Anzjani.

(b) responsibility for the purchase, receipt, storage and distribution of Narcotic and Psychotropic substances as outlined by the Dangerous Drugs Ordinance and the Medical and Kindred Profession Ordinance Chapter 31 – Drugs (Control) Regulations 1985 respectively;

(c) evaluation of new medicinal products and new indications to be considered for inclusion in the Government Formulary List, in line with LN 58/09; drawing up of reports and presentation to the Government Formulary List Advisory Committee;

(d) sitting on the evaluation committee for medicinal products and medical devices and also on other Boards and Committees as may be required by his/her superior officers or by the Ministry for Health;

(e) (i) familiarize himself/herself with all the procurement procedures and assisting in the said procedures throughout all stages;

(ii) assisting in the monitoring of annual consumptions of medicinals and medical devices;

(iii) contributing towards the continued improvement of the services including the computerization of such services;

(iv) actively participating and assisting in ensuring an optimal control of stock management systems and procedures;

(f) participate in the professional development (including in service training and education) of staff under his/her charge and ensure maintenance of discipline by such staff;

(g) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

(h) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health and the Ministry for the Family and Social Solidarity.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Human Resources Practices Directorate of the Ministry for Health at 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940, which may also be contacted by email at (recruitment.mfh@gov.mt), or from the Human Resources Management Directorate of the Ministry for the Family and Social Solidarity at Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT 2000, which may also be contacted by email at (hr.mfss@gov.mt).

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services in Malta and Gozo, including services provided for the Elderly.

3.3 Spiżjara li jagħżlu li jaħdmu fuq bażi *part-time* ikunu meħtieġa li jaħdmu minimu ta' għoxrin (20 siegħa fil-ġimgħa.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Ingliża;

3.3 Pharmacist opting to work on a part-time basis will be required to work a minimum of twenty (20) hours per week.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English language;

(iii) ikollhom il-warrant li jipprattikaw il-Professjoni ta' Spiżjara f'Malta;

(iv) ikunu rreġistrati bħala Spiżjara mal-Kunsill tal-Ispiżjara f'Malta.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(v) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji).

4.2 Jiġu wkoll ikkunsidrati applikazzjonijiet minn kandidati li se jiggradwaw fil-Farmaċija sal-aħħar ta' Jannar 2014, dment li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafu 4.1 (i), (ii) u (v). Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jkunu mitluba jippreżentaw iċ-ċertifikati indikati f'paragrafu 4.1 (iii) u 4.1 (iv) qabel il-ħatra.

4.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

4.4 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

(iii) be in possession of a warrant to practise as Pharmacist in Malta;

(iv) be registered as Pharmacist with the Malta Pharmacy Council.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(v) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Applications will also be considered from candidates who will graduate in Pharmacy by the end of January 2014, provided they satisfy the requirements stated in paragraph 4.1 (i), (ii) and (v). If selected, such candidates must produce the certificate indicated in paragraph 4.1 (iii) and 4.1 (iv) before appointment.

4.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience.

4.4 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien ma' c*urriculum vitae* aġġornat li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani), Ministeru għas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Il-Furjana, FRN 1940 u mid-Direttur (Immaniġġar tar-Riżorsi Umani), Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, VLT 2000 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru 2013. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=373) jew jinkisbu mid-Direttorat għall-Prattiki tar-Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Il-Furjana, FRN 1940, jew mid-Direttorat għall-Immaniġġar tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, VLT 2000. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 5.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat għall-Prattiki tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għas-Saħħa huwa +356 - 2123 5890 filwaqt li l-indirizz tal-*email* huwa (recruitment.mfh@gov.mt.) L-indirizz tal-*email* tad-Direttorat tal-Immaniġġar tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali huwa (hr.mfss@gov.mt).

L-4 ta' Ottubru, 2013

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

Submission of applications

7. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received by the Director (Human Resources Practices), Ministry for Health at 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940 or by the Director (Human Resources Management) of the Ministry for the Family and Social Solidarity at Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT 2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 25th October 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=373) or may be obtained from the Human Resources Directorate, Ministry for Health, 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940, or from the the Human Resources Management Directorate of the Ministry for the Family and Social Solidarity at Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 5.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the Human Resources Practices Directorate of the Ministry for Health is +356 - 2123 5890 and the e-mail address is (recruitment.mfh@gov.mt). The email address for the Human Resources Management Directorate of the Ministry for the Family and Social Solidarity is (hr.mfss@gov.mt).

4th October, 2013

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Post ta' *Pharmacy Technician* fil-Ministeru għas-Saħħa u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata t-2 ta' Awwissu, 2013)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani) għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għas-Saħħa, flimkien mad-Direttur (Immaniġġar tar-Riżorsi Umani) għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, jilqgħu applikazzjonijiet mingħand Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għall-post ta' *Pharmacy Technician* fil-Ministeru għas-Saħħa u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali. Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma sekondati/mislufin/*detailed/deployed/attached* ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku jistgħu japplikaw ukoll.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' *Pharmacy Technician* huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 13 (preżentament €13,784.00 fis-sena, li jiżdied b'€335.50 fis-sena sa massimu ta' €15,797.00), dment li persuna fil-grad ta' *Pharmacy Technician* bi kwalifika xierqa f'MQF Livell 5 rilevanti għax-xogħol tagħha u li tkun reġistrata mal-Kunsill tal-Ispiżjara ta' Malta titpoġġa fi Skala ta' Salarju 12 (preżentament €14,694.00 li jitla' b'żidiet ta' €354.00 fis-sena sa massimu ta' €16,818.00).

2.2. Persuna fil-grad ta' *Pharmacy Technician* titla' fi Skala 12 (€14,694.00 fis-sena li jitla' b'żidiet ta' €354.00 fis-sena sa massimu ta' €16,818.00) wara ħames (5) snin servizz fil-grad jew *whole-time equivalent*, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. Persuna fil-grad ta' *Pharmacy Technician* bi kwalifika sħiħa u xierqa f'MQF Livell 5 relevanti għax-xogħol tagħha u li tkun reġistrata mal-Kunsill tal-Ispiżjara ta' Malta titpoġġa fi Skala ta' Salarju 10 (preżentament €16,666.98 fis-sena li jitla' b'żidiet ta' €407.67 fis-sena sa massimu ta' €19,113.00) wara ħames (5) snin servizz sodisfaċenti fil-grad jew *whole-time equivalent*.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Pharmacy Technician* li tikseb kwalifika sħiħa u xierqa f'MQF Livell 5, jew ogħla, relevanti għax-xogħol tagħha, u li jkollha mill-inqas ħames (5) snin

MINISTRY FOR HEALTH AND THE MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

Post of Pharmacy Technician in the Ministry for Health and in the Ministryfor the Family and Social Solidarity

(Capacity building approval dated 2 August, 2013)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director (Human Resources Practices) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Health and the Director (Human Resources Management) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Family and Social Solidarity, invites applications from Public Officers in the Malta Public Service for the post of Pharmacy Technician in the Ministry for Health and in the Ministry for the Family and Social Solidarity. Officers in the Malta Public Service who are on secondment/on loan/detailed with/deployed with/on attachment to Public Sector Organizations may also apply.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of a Pharmacy Technician is equivalent to Salary Scale 13, (currently €13,784.00 per annum, rising by annual increments of €335.50 up to a maximum of €15,797.00), provided that a Pharmacy Technician with a full appropriate qualification at MQF Level 5, relevant to his/her line of work, and a registration with the Pharmacy Council (Malta), shall be placed in Salary Scale 12 (currently €14,694.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €16,818.00).

2.2 A Pharmacy Technician will progress to Salary Scale 12, (currently €14,694.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €16,818.00) on completion of five (5) years service or whole-time equivalent in the grade, subject to satisfactory performance. A Pharmacy Technician with a full appropriate qualification at MQF Level 5, relevant to his/her line of work, and a registration with the Pharmacy Council (Malta), shall be promoted to Senior Pharmacy Technician in Salary Scale 10 (currently €16,666.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €19,113.00) after five (5) years of satisfactory service in the grade or whole-time equivalent.

2.3 A Pharmacy Technician who obtains a full appropriate qualification at MQF Level 5, or higher, relevant to their line of work, and who have at least five (5) years

servizz sodisfaċenti, jew ekwivalenti, fil-grad ta' *Pharmacy Technician* jew fil-grad ta' *Senior Pharmacy Technician* titla' awtomatikament fil-grad ta' *Senior Pharmacy Technician* fi Skala ta' Salarju 10 (preżentament €16,666.98 fis-sena, li jitla' b'żidiet ta' €407.67 fis-sena sa massimu ta' €19,113.00). Jekk persuna fil-grad ta' *Pharmacy Technician* fi Skala ta' Salarju 13 ma jkollhiex il-ħames (5) snin servizz sodisfaċenti fil-grad rekwiżiti u tikseb kwalifika sħiħa u xierqa f'MQF Livell 5 rilevanti għax-xogħol tagħha, titpoġġa fi Skala ta' Salarju 12, sakemm tikseb il-ħames (5) snin servizz sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' *Pharmacy Technician* li hija reġistrata mal-Kunsill tal-Ispiżjara ta' Malta u li għandha kwalifika xierqa f'MQF Livell 4, tkun promossa għal *Senior Pharmacy Technician* fi Skala ta' Salarju 11 (preżentament €15,655.98 fis-sena, li jitla' b'żidiet ta' €375.17 fis-sena sa massimu ta' €17,907.00) wara ħames (5) snin servizz sodisfaċenti jew *whole-time equivalent* fi Skala ta' Salarju 12.

2.5 Persuna fil-grad ta' *Senior Pharmacy Technician* li tkun reġistrata mal-Kunsill tal-Ispiżjara ta' Malta u li jkollha kwalifika xierqa f'MQF Livell 4, tkun eliġibbli għas-salarju u ż-żidiet ta' Skala ta' Salarju 10 fuq bażi personali, wara ħames (5) snin servizz sodisfaċenti, jew *whole-time equivalent*, fi Skala ta' Salarju 11.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Pharmacy Technician* jinkludu:

(a) tqassim ta' mediċini;

(b) xogħol konness maż-żamma tal-imħażen u sistemi ta' *top up* tal-iswali, jiġifieri li tordna, tirċievi, tieħu ħsieb u tqassam il-ħażniet farmaċewtiċi li jinkludu li tiċċekkja l-konsum kif ukoll l-iskadenza tagħhom, il-kundizzjonijiet fejn jinżammu l-mediċini, *stock taking*, eċċ.;

(c) preparazzjoni ta' *extemporaneous pharmaceuticals* bħal taħlit ta' misturi, *suspensions* eċċ.;

(d) produzzjoni ta' farmaċewtiċi fuq skala kbira li jinkludu *sterile preparations* bħal *intravenous infusions,* diżinfettanti, eċċ.;

(e) *procurement* ta' prodotti farmaċewtiċi, inkluż monitoraġġ tal-konsum tagħhom, u tara li jkollha *stocks* adekwati tagħhom f'kull ħin;

(f) xogħol klerikali relatat ma' servizzi farmaċewtiċi;

(g) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

(h) tagħmel użu mis-sistemi tat-Tekonoġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali.

satisfactory service, or equivalent, in the grade of Pharmacy Technician or in the grade of Senior Pharmacy Technician shall automatically move into the grade of Senior Pharmacy Technician in Salary Scale 10 (currently €16,666.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €19,113.00). Should a Pharmacy Technician in Salary Scale 13 not have the required five (5) years satisfactory service in the grade and obtain a full appropriate qualification at MQF Level 5 relevant to their line of work, he/she will be placed in Salary Scale 12, until the five (5) years satisfactory service are acquired.

2.4 A Pharmacy Technician who is registered with the Pharmacy Council (Malta) and who has an appropriate qualification at MQF Level 4, shall be promoted to Senior Pharmacy Technician in Salary Scale 11 (currently €15,655.98 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €17,907.00) following five (5) years satisfactory service or whole-time equivalent in Salary Scale 12.

2.5 A Senior Pharmacy Technician who is registered with the Pharmacy Council (Malta) and who has an appropriate qualification at MQF Level 4, shall become eligible to the salary and increments of Salary Scale 10 on a personal basis, following five (5) years satisfactory service, or whole-time-equivalent, in Salary Scale 11.

Duties

3.1 The duties of a Pharmacy Technician include:

(a) dispensing of pharmaceuticals;

(b) upkeep of stores and ward top up systems, i.e. ordering, receipt, maintenance and supply of pharmaceutical stocks, including monitoring of stock turnover and expiry dates, storage conditions, stock taking etc;

(c) preparation of extemporaneous pharmaceuticals e.g. compounding of mixtures, suspensions, etc;

(d) large scale production of pharmaceuticals, including sterile preparations e.g. intravenous infusions, disinfectants, etc;

(e) procurement of pharmaceuticals, including monitoring of consumptions, and ensuring adequate stocks at all times;

(f) clerical duties related to the pharmaceuticals services;

(g) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

(h) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health and the Ministry for the Family and Social Solidarity.

3.2 Il-kandidati magħżula jistgħu jintalbu jwettqu dmirijiet kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(iii) ikunu reġistrati mal-Kunsill tal-Ispiżjara ta' Malta bħala *Pharmacy Techician*;

3.2 Selected candidates may be required to perform duties in Malta and Gozo including services for the elderly.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) registered with the Pharmacy Council of Malta as Pharmacy Technician;

(iv) ikollhom kwalifika xierqa, rikonoxxuta f'MQF Livell 4.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilita, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(v) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.2 Applikazzjonijiet ikunu kkunsidrati wkoll minn kandidati li se jkollhom kwalifika xierqa, rikonoxxuta f'MQF Livell 4 sal-aħħar ta' Jannar 2014 dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafu 4.1 (i), (ii) u (v). Jekk jiġu magħżula, dawn il-kandidati jridu jippreżentaw iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni indikat f'paragrafu 4.1(iii) u 4.1(iv) qabel il-ħatra.

4.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

4.4 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

(iv) in possession of an appropriate, recognised qualification at MQF Level 4.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(v) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Applications will also be considered from candidates who will be in possession of an appropriate, recognised qualification at MQF Level 4 by the end of January 2014 provided they satisfy the requirements stated in paragraph 4.1 (i), (ii) and (v). If selected, such candidates must produce the certificate of registration indicated in paragraph 4.1 (iii) and 4.1 (iv) before appointment.

4.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience.

4.4 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* aġġornat li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani), Ministeru għas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, FRN 1940 u mid-Direttur (Immaniġġar tar-Riżorsi Umani), Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, VLT 2000 sa mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin ĊentrLI Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, ta' 25 Ottubru 2013. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz: (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=373) jew jinkisbu mid-Direttorat għall-Prattiki tar-Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, FRN 1940, jew mid-Direttorat għall-Immaniġġar tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, VLT 2000.. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 5.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat għall-Prattiki tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għas-Saħħa huwa +356 - 2123 5890 filwaqt li l-indirizz tal-email huwa recruitment.mfh@gov.mt. L-indirizz tal-*email* tad-Direttorat tal-Immaniġġar tar-Riżorsi Umani tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali huwa: (hr.mfss@gov.mt).

L-4 ta' Ottubru, 2013

Submission of applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director (Human Resources Practices), Ministry for Health at 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940 or by the Director (Human Resources Management) of the Ministry for the Family and Social Solidarity at Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT 2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 25th October, 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=373 or may be obtained from the Human Resources Directorate, Ministry for Health, 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940, or from the the Human Resources Management Directorate of the Ministry for the Family and Social Solidarity at Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 5.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the Human Resources Practices Directorate of the Ministry for Health is +356 - 2123 5890 and the e-mail address is: (recruitment.mfh@gov.mt). The email address for the Human Resources Management Directorate of the Ministry for the Family and Social Solidarity is: (hr.mfss@gov.mt).

4th October, 2013

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Pożizzjoni ta' *Higher Specialist Trainee* fil-Ministeru għas-Saħħa u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata t-2 ta' Awwissu, 2013)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani) għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għas-Saħħa, flimkien mad-Direttur (Immaniġġar tar-Riżorsi Umani) għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, jilqgħu applikazzjonijiet mingħand Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għall-Pożizzjoni ta' *Higher Specialist Trainee* fil-Ministeru għas-Saħħa u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali. Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma sekondati/mislufin/*detailed*/*deployed*/*attached* ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku jistgħu japplikaw ukoll.

1.2. Vakanzi jeżistu fl-ispeċjalitajiet li ġejjin:

(a) Mediċina tal-Aċċidenti u l-Emerġenza fid-Dipartiment tal-Aċċidenti u l-Emerġenza;
(b) Anesteżija u Kura Intensiva fid-Dipartiment tal-Anesteżija u Kura Intensiva;
(c) Kardjoloġija fid-Dipartiment tas-Servizzi Kardijaċi;
(d) Kirurġija Kardjo-toraċika fid-Dipartiment tas-Servizzi Kardijaċi;
(e) Dermatoloġija fid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venerejoloġija;
(f) Dijabete u Endokrinoloġija u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;
(g) Gastroenteroloġija u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;
(h) Kirurġija Ġenerali fid-Dipartiment tal-Kirurġija;
(i) Mediċina Ġenito-urinarja tad-Dermatoloġija u Venerejoloġija;
(j) Ġerjatrija fid-Dipartiment tal-Ġerjatrija;
(k) Neonatoloġija fid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u l-Adolexxenti;
(l) Newroloġija fid-Dipartiment tan-Newroxjenzi;
(m) Newrokirurġija fid-Dipartiment tan-Newroxjenzi;
(n) Ostetriċja u Ginekoloġija fid-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ginekoloġija;
(o) Onkoloġija fid-Dipartiment tal-Ematoloġija u Onkoloġija;
(p) Oftalmoloġija fid-Dipartiment tal-Oftalmoloġija;
(q) Otorinolaringoloġija fid-Dipartiment tal-Kirurġija;
(r) Kirurġija Pedjatrika fid-Dipartiment tal-Kirurġija;
(s) Pedjatrija fid-Dipartiment tas-Saħħa tat-Tfal u l-Adolexxenti;

MINISTRY FOR HEALTH AND MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

Position of Higher Specialist Trainee in the Ministry for Health and in the Ministry for the Family and Social Solidarity

(Capacity building approval dated 2nd August, 2013)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director (Human Resources Practices) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Health and the Director (Human Resources Management) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Family and Social Solidarity, invites applications from Public Officers in the Malta Public Service for the position of Higher Specialist Trainee in the Ministry for Health and in the Ministry for the Family and Social Solidarity. Officers in the Malta Public Service who are on secondment/on loan/detailed with/deployed with/on attachment to Public Sector Organizations may also apply.

1.2. Vacancies exist in the following specialties:

(a) Accident and Emergency Medicine in the Department of Accident and Emergency;
(b) Anaesthesia and Intensive Care in the Department of Anaesthesics and Intensive Care;
(c) Cardiology in the Department of Cardiac Services;
(d) Cardiothoracic Surgery in the Department of Cardiac Services;
(e) Dermatology in the Department of Dermatology and Venereology;
(f) Diabetes and Endocrinology and General Medicine in the Department of Medicine;
(g) Gastroenterology and General Medicine in the Department of Medicine;
(h) General Surgery in the Department of Surgery;
(i) Genito-urinary Medicine in the Dermatology and Venereology;
(j) Geriatrics in the Department of Geriatrics;
(k) Neonatology in the Department of Child and Adolescent Health;
(l) Neurology in the Department of Neurosciences;
(m) Neurosurgery in the Department of Neurosciences;
(n) Obstetrics and Gynaecology in the Department of Obstetrics and Gynaecology;
(o) Oncology in the Department of Haematology and Oncology;
(p) Ophthalmology in the Department of Ophthalmology;
(q) Otorhinolaryngology in the Department of Surgery;
(r) Paediatric Surgery in the Department of Surgery;
(s) Paediatrics in the Department of Child and Adolescent Health;

(t) Kirurġija Plastika fid-Dipartiment tal-Kirurġija;

(u) Saħħa Pubblika fid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika;

(v) Mediċina ta' Rijabilitazzjoni fid-Dipartiment tan-Newroxjenzi;

(w) Mediċina Nefroloġika u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;

(x) Mediċina Respiratorja u Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;

(y) Rewmatoloġija u Mediċina Ġenerali fid-Dipartiment tal-Mediċina;

(z) Kirurġija Vaskulari fid-Dipartiment tal-Kirurġija.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' *Higher Specialist Trainee* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 6, li preżentament hi €25,227 fis-sena, flimkien ma' *Specialisation Allowance* ta' €5,000 fis-sena għall-ewwel sentejn, li titla' għal €5,500 mit-tielet sena 'l quddiem, li titħallas f'pagamenti kull tliet xhur b'lura.

2.2 Persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni privatament kemm-il darba:

(a) Dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) Dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

2.3 Huwa maqbul li limitu totali ta' għaxar (10) snin *full-time*, jew żmien ekwivalenti, jingħata sabiex jiġi kkompletat it-taħriġ speċjalizzat (inkluż kemm *Higher Specialist Training* kif ukoll *Basic Specialist Training*), bl-esklużjoni tal-*maternity*, *parental*, *sick* jew *responsibility leave*. Il-kompitu tal-għaxar (10) snin mill-bidu tat-taħriġ speċifiku fl-ispeċjalità relevanti ma jinkludix il-perjodu tal-*foundation*. Fejn persuna maħtura bħala *Higher Specialist Trainee* ma tikkompletax it-taħriġ tagħha fil-perjodu ta' għaxar (10) snin, il-Ministeru jżomm id-dritt li jagħmel *redeployment* tal-persuna fl-i*staff grade* rilevanti skont l-esiġenzi tas-servizz. Dawn it-tobba jibqgħu fl-istess skala ta' salarju li jkunu ottjenew u jkunu referiti bħala *medical officers in staff grades*.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Higher Specialist Trainee* fil-Ministeru għas-Saħħa u fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali jinkludu dawn li ġejjin:

(a) Persuna maħtura tkun tagħmel parti mid-Dipartiment indikat u tkun taqa' taħt il-Konsulenti rispettivi u fl-aħħarnett taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment;

(b) Il-pożizzjoni ta' *Higher Specialist Trainee* jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ fid-Dipartiment relevanti u huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jsegwu karriera fl-ispeċjalità magħżula. Persuna maħtura tkun meħtieġa tieħu sehem fl-attivatijiet akkademiċi u ta'

(t) Plastic Surgery in the Department of Surgery;

(u) Public Health in the Department of Public Health;

(v) Rehabilitation Medicine in the Department of Neurosciences;

(w) Renal and General Medicine in the Department of Medicine;

(x) Respiratory and General Medicine in the Department of Medicine;

(y) Rheumatology and General Medicine in the Department of Medicine;

(z) Vascular Surgery in the Department of Surgery.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the position of Higher Specialist Trainee is equivalent to the maximum of Salary Scale 6, currently €25,227 per annum, together with a Specialisation Allowance of €5,000 per annum for the first two years and rising to €5,500 as from the third year onwards, which shall be paid in three-monthly installments in arrears.

2.2 An appointee will be allowed to undertake private practice provided that:

(a) It is carried out strictly outside official working hours; and

(b) It does not interfere or conflict with the official duties or the exigencies of the service.

2.3 It is agreed that a total limit of ten (10) years full-time, or equivalent duration, would be given to complete specialist training (including both Higher Specialist Training and Basic Specialist Training), excluding maternity, parental, sick or responsibility leave. The ten (10) year computation from the start of the specific training in the appropriate specialty does not include the foundation period. Wherever an appointee does not complete his/her training within the ten (10) year period, the Ministry retains the right to re-deploy the appointee in the appropriate staff grade according to the exigencies of the service. Such doctors shall remain in the same salary scale they would have attained and shall be referred to as medical officers in staff grades.

Duties

3.1 The duties of a Higher Specialist Trainee in the Ministry for Health and in the Ministry for the Family and Social Solidarity include the following:

(a) An appointee will form part of the Department indicated and is accountable to the respective Consultants and ultimately to the Clinical Chairperson of the Department;

(b) The position of Higher Specialist Trainee forms an integral part of the training programme of the relevant Department and is suitable for candidates wishing to pursue a career in the chosen specialty. An appointee will be required to participate in teaching and academic activities

tagħlim inkluż riċerka u verifika, u f'laqgħat tad-Dipartiment konċernat. Hi tista' tkun mistennija wkoll li tkun involuta fl-immaniġġjar tad-Dipartiment u li terfa' responsabbilitajiet amministrattivi meta meħtieġ;

(c) Persuna maħtura hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *Basic Specialist Trainee* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każijiet iktar ikkumplikati u timmaniġġahom u għandha tiżviluppa l-ħiliet kliniċi tagħha. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-Konsulent inkarigat mill-ispeċjalità.

(d) Persuna maħtura tkun rikjesta twettaq dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

(e) Persuna maħtura tkun rikjesta tagħmel użu mis-sistemi tat-Tekonoġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa.

3.2 Kandidati magħżula jistgħu jiġu rikjesti li jwettqu dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, inkluż servizzi pprovduti għall-Anzjani.

3.3 Persuna magħżula tista' tkun meħtieġa tipprovdi servizz residenzjali *on-call* skont *roster* stabbilit li jista' jinkludi dmirijiet ta' bil-lejl. Dan ir-*roster* jieħu inkonsiderazzjoni l-ħtiġiet tat-taħriġ kif applikabbli minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz.

3.4 Persuna maħtura tkun mistennija li żżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi kurrenti fil-qasam rispettiv u tipparteċipa f'laqgħat *postgraduate* kemm f'Malta kif ukoll barra. Attivitajiet ta' riċerka jkunu inkoraġġiti u persuna maħtura tkun mistennija tiġġenera materjal għall-pubblikazzjoni f'pubblikazzjonijiet mediċi kemm lokali kif ukoll barranin.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

including research and audit, and meetings of the relevant Department. He/She may also be expected to be involved in the management of the Department and to take administrative responsibilities when necessary;

(c) An appointee is expected to continue with the duties of the Basic Specialist Trainee but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated problems and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in charge of the specialty.

(d) An appointee will be required to carry out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

(e) An appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health.

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services in Malta and Gozo, including services provided for the Elderly.

3.3 An appointee may be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service.

3.4 An appointee will be expected to keep abreast with the current developments in the respective field and participate in postgraduate meetings locally and abroad. Research activities will be encouraged and an appointee will be expected to generate material for publication in local and foreign medical publications.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages.

(iii) ikunu rreġistrati bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta u jkollhom liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta ;

(iii) are fully registered with the Medical Council of Malta and in possession of a licence to practise the Medical Profession in Malta;

(iv) ikollhom is-*Certificate of Completion of Basic Specialist Training* (CCBST) fl-ispeċjalità rilevanti maħruġa mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti (SAC) ta' Malta jew ekwivalenti.

(iv) are in possession of the Certificate of Completion of Basic Specialist Training (CCBST) in the relevant specialty issued by the Specialist Accreditation Committee (SAC) of Malta or equivalent.

Qed jiġi kkjarifikat li persuna li qed tapplikaw għall-pożizzjonijiet ta' *Higher Specialist Trainee*:

It is being clarified that applicants applying for the Higher Specialist Trainee positions in:

(a) fil-Mediċina tal-Aċċidenti u Emerġenza teħtieġ CCBST fil-Mediċina tal-Accidenti u Emerġenza;
(b) fl-Anesteżija teħtieġ CCBST fl-Anesteżija u Kura Intensiva;
(c) fil-Kardjoloġija teħtieġ CCBST fil-Medicina;
(d) fil-Kirurġija Kardjo-toraċika teħtieġ CCBST fil-Kirurġija;
(e) fid-Dermatoloġija teħtieġ CCBST fil-Medicina;
(f) fid-Dijabete u Endokrinoloġija u Medicina Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Medicina;
(g) fil-Gastroenteroloġija u Medicina Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Medicina;
(h) fil-Kirurġija Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Kirurġija;
(i) fil-Mediċina Ġenito-urinarja teħtieġ CCBST fil-Mediċina;

(a) Accident and Emergency Medicine would require a CCBST in Accident and Emergency Medicine;
(b) Anaesthesia would require a CCBST in Anaesthetics and Intensive Care;
(c) Cardiology would require a CCBST in Medicine;
(d) Cardiothoracic Surgery would require a CCBST in Surgery;
(e) Dermatology would require a CCBST in Medicine;
(f) Diabetes and Endocrinology and General Medicine would require a CCBST in Medicine;
(g) Gastroenterology and General Medicine would require a CCBST in Medicine;
(h) General Surgery would require a CCBST in Surgery;
(i) Genito-urinary Medicine would require a CCBST in Medicine;

(j) fil-Ġerjatrija teħtieġ CCBST fil-Medicina;
(k) fin-Neonatoloġija teħtieġ CCBST fil-Pedjatrija;
(l) fin-Newroloġija teħtieġ CCBST fil-Medicina;
(m) fir-Newrokirurġija teħtieġ CCBST fil-Kirurġija;
(n) fl-Ostetriċja u Ginekoloġija teħtieġ CCBST fl-Ostetriċja u Ginekoloġija;
(o) fl-Onkoloġija teħtieġ CCBST fil-Medicina;
(p) fl-Oftalmoloġija teħtieġ CCBST fl-Oftalmoloġija;
(q) fl-Otorinolaringoloġija teħtieġ CCBST fil-Kirurġija;
(r) fil-Kirurġija Pedjatrika teħtieġ CCBST fil-Kirurġija;
(s) fil-Pedjatrija teħtieġ CCBST fil-Pedjatrija;
(t) fil-Kirurġija Plastika teħtieġ CCBST fil-Kirurġija;
(u) fis-Saħħa Pubblika teħtieġ CCBST fis-Saħħa Pubblika;
(v) fil-Mediċina ta' Rijabilitazzjoni teħtieġ JEW CCBST fil-Medicina JEW CCBST fil-Kirurġija;
(w) fin-Nefroloġija u Mediċina Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Medicina;
(x) fil-Mediċina Respiratorja u Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Medicina;
(y) fir-Rewmatoloġija u l-Mediċina Ġenerali teħtieġ CCBST fil-Medicina;
(z) fil-Kirurġija Vaskulari teħtieġ CCBST fil-Kirurġija.

Hija r-responsabiltà tal-applikanti fil-pussess ta' ċertifikat ta' tlestija tal-*Basic Specialist Training* maħruġ minn istituzzjonijiet ta' akkreditazzjoni oħra barra mill-Kumitat dwar l-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabiltà ta' ċertifikazzjoni ta' tlestija tal-*Basic Specialist Training,* liema dikjarazzjoni tkun trid tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-Kumitat dwar l-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu ta' xahar għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu r-rekwiżiti speċifikati f' 4.1 (iii) u (iv) msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tar-rekwiżiti msemmija sal-aħħar tas-sena 2013. Jekk jiġu magħżula, dawn il-kandidati jridu juru r-rekwiżiti indikati f'4.1 (iii) u (iv) qabel ma jingħataw il-ħatra.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu

(j) Geriatrics would require a CCBST in Medicine;
(k) Neonatology would require a CCBST in Paediatrics;
(l) Neurology would require a CCBST in Medicine;
(m) Neurosurgery would require a CCBST in Surgery;
(n) Obstetrics and Gynaecology would require a CCBST in Obstetrics and Gynaecology;
(o) Oncology would require a CCBST in Medicine;
(p) Ophthalmology would require a CCBST in Opthalmology;
(q) Otorhinolaryngology would require a CCBST in Surgery;
(r) Paediatric Surgery would require a CCBST in Surgery;
(s) Paediatrics would require a CCBST in Paediatrics;
(t) Plastic Surgery would require a CCBST in Surgery;
(u) Public Health would require a CCBST in Public Health;
(v) Rehabilitation Medicine would require EITHER a CCBST in Medicine OR a CCBST in Surgery;
(w) Renal and General Medicine would require a CCBST in Medicine
(x) Respiratory and General Medicine would require a CCBST in Medicine
